ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

Stqarrija għall-Istampa

*Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.*

ECHA/PR/12/01

# Komunikazzjoni dwar l-użu sikur ta' sustanzi kimiċi

## Sad-data stabbilita fir-Regolament dwar il-Klassifikazzjoni, it-Tikkettar u l-Imballaġġ (CLP), l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ssottomettiet lill-Kummissjoni Ewropea l-istudju tagħha dwar il-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar l-użu sikur ta' sustanzi kimiċi għall-pubbliku ġenerali.

**Ħelsinki, 23 ta' Jannar 2012** – L-istudju jipprovdi intuwiti dwar kif għandha titjieb aktar il-komunikazzjoni dwar perikli liċ-ċittadini tal-UE. Dan jissottolinja l-punti ewlenin li ġejjin:

Għalkemm l-għarfien fost il-pubbliku ġenerali tat-tikketti ġodda internazzjonali dwar perikli li jidhru fuq l-imballaġġ ta' sustanzi kimiċi huwa pjuttost baxx il-konsumaturi rari jixtru dawn il-kimiċi, it-tikketti huma relattivament ġodda u żgur li l-għarfien jiżdied. Madankollu, hija meħtieġa ħidma fuq il-livell nazzjonali, tal-industrija u tal-UE kemm biex titqajjem sensibilizzazzjoni kif ukoll, b'mod kruċjali, fehim dwar xi jfissru t-tikketti.

Il-perċezzjoni ta' periklu tvarja bejn il-pajjiżi kif ukoll bejn sotto-gruppi speċifiċi tal-pubbliku ġenerali. Għaldaqstant l-attivitajiet għat-tqajjim ta' sensibilizzazzjoni jeħtieġ li jindirizzaw tendenzi nazzjonali ta' perċezzjoni ta' periklu kif ukoll l-approċċi differenti għall-perikli murija minn udjenzi speċifiċi bħall-familji, abitazzjoni domestika b'persuna waħda, ħaddiema, tfal tal-iskola, eċċ.

Il-biċċa l-kbira tan-nies jagħmlu l-għażliet tagħhom dwar l-użu sikur u l-ħażna ta' prodotti kimiċi tad-dar abbażi tal-għarfien tagħhom tal-prodott kif ukoll raġunijiet emozzjonali oħra li huma relatati aktar mal-esperjenza mill mal-informazzjoni li tinsab fuq il-pakkett. Għaldaqstant fl-attivitajiet għat-tqajjim ta' sensibilizzazzjoni jeħtieġ ukoll li jitqiesu dawn ir-raġunijiet emozzjonali kif ukoll dawk ibbażati fuq l-esperjenza.

Analiżi oħra tal-impatt tat-tikketti dwar perikli fuq l-imġiba u l-fehim taċ-ċittadini tal-UE tista' tkun utli wara l-2015 – id-data sa meta tikketti ġodda għandhom jissostitwixxu l-qodma fuq it-taħlitiet kimiċi kollha bħal, pereżempju, żebgħa u kolla.

### Informazzjoni addizzjonali dwar l-imballaġġ ta' prodott

L-industrija għandha titħeġġeġ sabiex id-dehra u l-imballaġġ ta' prodott ikun konformi mal-informazzjoni dwar perikli fuq it-tikketti, bl-użu ta' raġunijiet ta' mġiba biex issaħħaħ il-messaġġ tat-tikketta, u b'hekk tippromwovi l-imġiba ta' sigurtà xierqa tal-konsumaturi.

Mhuwiex irrakkomandat tibdil fit-tikketti CLP infishom peress li huwa aktar ta' benefiċċju tippermetti lill-pubbliku li jidra s-sistema l-ġdida – issa użata globalment – kontinwament itejbu l-fehim ġenerali tagħhom tal-perikli li jġibu magħhom is-sustanzi kimiċi u jitħeġġeġ użu aktar sikur b'mod partikolari ta' sustanzi kimiċi tad-dar.

Skont l-Artikolu 34 tar-Regolament CLP, abbażi tal-istudju, il-Kummissjoni Ewropea ser tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Ewropew sabiex tiġi ppreżentata proposta leġiżlattiva biex jiġi emendat ir-Regolamet, jekk ikun ġustifikat.

## Aktar Informazzjoni

**Studju rigward il-Komunikazzjoni dwar l-użu sikur ta' kimiċi għall-Pubbliku Ġenerali, sottomess lill-Kummissjoni Ewropea fl-20 ta' Jannar 2012:**
**http://echa.europa.eu/documents/10162/17203/clp_study_en.pdf**

**Risk Communication Network (Netwerk dwar il-Komunikazzjoni ta' Riskji) (RCN):**
**http://echa.europa.eu/en/web/guest/about-us/partners-and-networks/risk-communication-network**

**Artikolu 34 tar-Regolament CLP:**
**http://echa.europa.eu/web/guest/regulations/clp/legislation**